# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION
## ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 25 ta' Frar, 2025.**

**Numru 8**

**Rikors numru 160/2016/1 JVC**

**Michelle Christine Grixti**

**v**

**Doris Chetcuti, Karen Chetcuti,**

**Rodianne Frendo u Suzanne Camilleri**

Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attriċi u dwar appell inċidentali imressaq minn uħud mill-konvenuti, wara deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li permezz tagħha ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari li r-rikors ġuramentat kien irritwali u laqgħet it-talba attriċi sabiex il-konvenuti jgħaddulha sehemha mill-wirt ta' missierha.

**Preliminari;**

1. Permezz ta' rikors ġuramentat ippreżentat fid-29 ta' Frar, 2016 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (l-Ewwel Qorti), l-attriċi ppremettiet li d-defunt Michael Chetcuti ħalla b'titolu ta' legat a favur martu Doris Chetcuti l-użufrutt u t-tgawdija tal-beni kollha mobbli u mmobbli u eżenta l-legatarja martu mill-obbligu tal-inventarju. In *oltre* t-testatur ħalla b'titolu ta' legat favur bintu, Rodienne Chetcuti, kwalsiasi dritt ta' lokazzjoni tad-dar tar-residenza tat-testaturi, u l-użufrutt ta' dak kollu li jkun jinsab ġo fiha, mill-għatba 'l ġewwa, esklużi minn dan il-legat il-flus u deheb u oġġetti simili, u kotba tal-banek, u strumenti li jistgħu jissarfu fi flus, soġġett dan il-legat li l-legatarja tibqa' tgħix waħedha, però kemm-il darba tiżżewweġ u tagħżel li tgħix mal-ġenituri tagħha jew wieħed mit-testaturi, hija xorta waħda tirċievi dan il-legat. It-testatur innomina u stitwixxa bħala eredi universali lill-erba' uliedu (Michelle Christine Grixti, Rodienne Chetcuti, Suzanne Camilleri u Karen Chetcuti) f'ishma indaqs. L-attriċi fissret li l-użufruttwarja Doris Chetcuti qatt ma ddisponiet mill-kompitu li ġie assenjat lilha fit-testment. Ippremettiet illi Doris Chetcuti avviċinat diversi entitajiet bħal HSBC u Global Capital Insurance fost oħrajn u ddisponiet mill-wirt ta' żewġha mingħajr il-firma neċessarja tal-attriċi u li għalkemm l-attriċi interpellat lill-konvenuti diversi drabi sabiex jgħaddulha s-sehem tagħha mill-wirt ta' missierha, dawn baqgħu inadempjenti.

2. L-attriċi talbet lill-Ewwel Qorti:

> "1. TORDNA u TIKKUNDANNA sabiex l-intimati jghaddu is-sehem tal-wirt skond il-ligi lir-rikorrent;
>
> Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma jibqghu ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni."

3. B'<u>risposta ġuramentata</u> tat-<u>30 ta' Marzu, 2016</u> il-konvenuti, għajr Karen Chetcuti li baqgħet kontumaċi, laqgħu għall-azzjoni attriċi billi ressqu l-eċċezzjonijiet segwenti:

> "1. Illi preliminarjament ir-rikorrenti kellha taghmel talba sabiex qabel xejn dina l-Onorabbli Qorti tiffissa u tistabbilixxi l-konsistenza ta' l-assi ereditarji ta' l-imsemmi Michael Chetcuti u dan billi tiddikjara li l-istess jikkonsistu f'dawk il-beni u sustanzi li jirrizultaw fil-kors tal-kawza kif ukoll li tiddikjara li l-istess beni huma pposjeduti mill-kontendenti f'dawk il-kwoti li ghad iridu jirrizultaw lil din l-Onorabbli Qorti u sabiex konsegwentement tordna d-divizjoni ta' l-assi ereditarji msemmija skond il-kwoti hekk stabbiliti u dan ad opera ta' perit jew periti li jigu mahtura, jekk ikun il-kaz, ghal dan il-fini minn din l-Onorabbli Qorti;
>
> 2. Illi fil-mertu il-kontendenti dejjem kienu ghamlu dawk l-arrangamenti kollha mehtiega sabiex dak li seta jinqasam mill-assi ereditarji fil-fatt jinqasam u dan bil-kunsens u bl-approvazzjoni shiha tar-rikorrenti, u ghaldaqstant rrikorrenti ma tistax, issa wara dan iz-zmien kollu, tippretendi li ssir xi divizjoni ta' assi li diga inqasmu u gew distribwiti anke bil-kunsens taghha;
>
> 3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenuti ma jopponux u qatt ma opponew li ssir id-divizjoni mitluba mir-rikorrenti salv illi jigu verifikati l-assi in divizjoni u salv illi jigu verifikati wkoll il-kwoti spettanti lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti u kwindi ma ghandhom ihallsu l-ebda parti mill-ispejjes ta' din il-kawza;
>
> 4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."

4. B'<u>sentenza</u> mogħtija fl-<u>24 ta' Ġunju, 2021</u> l-Ewwel Qorti ddeċidiet hekk:

> "1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimati;

2. Tichad l-eccezzjonijiet rimanenti tal-inimtati sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

3. Tilqa' t-talba attrici u tordna u tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti s-somma ta' elf, seba' mija u erbgha u erbghin Euro u erba' centezmi (€1744.04) rapprezentanti sehem ir-rikorrenti mill-wirt u successjoni tal-mejjet missierha Michael Chetcuti.

Bl-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati f'sehem ta' 1/5 kull parti fil-kawza."

5. L-attriċi (minn issa 'l quddiem ukoll l-appellanta) appellat b'rikors intavolat fit-13 ta' Lulju, 2021 li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm minnha miġjuba, talbet lil din il-Qorti "tirriforma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) fl-ismijiet premessi billi tikkunsidra l-assi li ma ġewx miżjuda mat-total ta' assi, u tillikwida ammont aktar verjuri tas-sehem li haqqha l-attrici appellanta mill-wirt ta' Michael Chetcuti, u dan kollu taht il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni."

6. Il-konvenuti (minn issa 'l quddiem ukoll l-appellati) ressqu r-risposta tagħhom fl-4 ta' Ottubru, 2021, fejn għar-raġunijiet hemm mogħtija talbu li l-appell interpost mis-soċjetà attriċi jiġi miċħud. Flimkien mar-risposta, il-konvenuti ressqu wkoll appell inċidentali li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm minnhom miġjuba, talbu lil din il-Qorti "tilqa' l-appell inċidentali hekk kif interpost [...] u konsegwentement tvarja s-sentenza appellata billi tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-esponenti hekk kif oriġinarjament moghtija quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili u ghalhekk tichad/tiskarta kompletament it-talba attriċi promotura, bl-ispejjez kontra

l-attrici appellanta. U dan filwaqt illi tiddikjara wkoll illi l-ispejjez tat-tieni istanza jiġu wkoll sopportati mill-istess attriċi appellanta.”

7. L-attriċi resqet risposta għall-appell inċidentali fl-1 ta’ Lulju 2024 fejn għar-raġunijiet hemm mogħtija talbet li l-appell inċidentali interpost mill-konvenuti jiġi miċħud.

8. Din il-Qorti appuntat l-appell u l-appell inċidentali għas-smiegħ, li tħallew għal-lum għas-sentenza..

**L-Appell;**

9. L-appellanti resqet aggravju wieħed. Tgħid illi l-konsistenza tal-assi ereditarji tal-mejjet missierha kienu jikkonsistu f’ammont akbar minn dak kif deċiż mill-Ewwel Qorti. Tgħid li d-defunt kellu aktar deheb minn dak stabbilit fis-sentenza appellata; li kien hemm ammonti ta’ flus li ġew miġbuda mill-kont bankarju tad-defunt fis-sitt ijiem qabel il-mewt tiegħu u li kien hemm għodda tal-injam u tal-ġebel li l-Ewwel Qorti ma ħadithomx in konsiderazzjoni. Dwar id-deheb tgħid li “kienet diffiċli għaliha li ġġib provi u ritratti ta’ dan id-deheb minn ġo dar missierha.” Tinsisti li l-Ewwel Qorti kellha tikkunsidra li l-valur tad-deheb imħolli minn missierha kien akbar minn €3,500. Dwar il-flejjes li nġibdu mill-kontijiet bankarji tad-defunt fl-aħħar sitt ijiem qabel ma miet, l-appellanti tikkontendi illi f’dawk

l-aħħar jiem inġibdu €3,000 u għalhekk huwa dan l-ammont li kellu jiżdied mal-assi ereditarji u mhux €1,000 kif għamlet l-Ewwel Qorti. Dwar l-għodda tal-injam u tal-ġebel l-appellanti tgħid illi "ma setgħatx iġġib aktar provi peress li hi ma kinitx tgħix ġewwa d-dar ma' Michael Chetcuti ... però meta kienet tmur ħdejn missierha jew tgħinu fil-garaxx, din l-għodda kienet preżenti".

10. L-appellati konvenuti Doris Chetcuti, Suzanne Camilleri u Rodianne Franco, jilqgħu għal dan l-appell billi jissottomettu illi l-appell qed jitlob li din il-Qorti tagħmel ri-apprezzament tal-fatti. Jgħidu illi l-appell huwa msejjes fuq argumentazzjoni a bażi tal-ebda prova u li ma hemmx raġuni għaliex din il-Qorti għandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti. Jsostnu li l-appellanta stess tammetti li provi dwar l-allegazzjonijiet tagħha ma ġabitx.

**Ikkunsidrat;**

11. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti dwar il-konsistenza tal-assi ereditarji mħollija minn missier l-attriċi appellanti huma kif isegwi:

> "Illi l-assi tal-mejjet Michael Chetcuti li jirrizultaw mill-atti huma s-segwenti:
>
> i. Deheb – bejn il-partijiet m'hemmx qbil dwar il-konsistenza tad-deheb tal-mejjet Michael Chetcuti. Filwaqt li l-attrici tallega li kien hemm ghadd ta' deheb – prova ta' dan id-deheb fl-atti ma gabitx. Da parti taghha l-konvenuta Doris Chetcuti mal-affidavit taghha ezibiet ritratt li fih jidher id-deheb li skont hi kellu l-mejjet Michael Chetcuti. Gjaladarba l-attrici

ma gabitx prova tad-deheb il-Qorti tqis li giet biss pruvata l-ezistenza tad-deheb li jidher fir-ritratt a fol. 244 tal-process.

Prova teknika tal-valur tal-istess deheb. L-attrici fl-affidavit taghha a fol. 38 tistma d-deheb elenkat minnha fis-somma ta' sitt elef u hames mitt Euro (€6,500). Madankollu mid-deheb imsemmi minnha fir-ritratt a fol. 244 jidhru biss erba' crieket, gizirina b'erba' 'lucky charms' li tinkludi s-salib zghir li jiddendel li semmiet l-istess attrici, zewg brazzuletti u zewg 'cufflings'. Jirrizulta ghalhekk li fil-kalkolu taghha l-attrici ziedet 'choker', erba' crieket, salib kbir tad-deheb, zewg arloggi, gizirana u tlett brazzuletti irqaq li ma ngabet l-ebda prova taghhom. In vista ta' dan il-Qorti ser tghaddi sabiex tistabbilixxi arbitrio boni viri l-valur tad-deheb pruvat fis-somma ta' tlett elef u hames mitt Euro (3,500).

[...]

iii. Flus fil-kont HSBC Bank Malta plc bin-numru tal-kont 009- 009234-050 fejn bhala bilanc finali jirrizulta li kien hemm l-ammont ta' erbat elef mija erbgha u tmenin ewro u erbgha u tletin centezmu (€4,184.34). Madanakollu l-Qorti ma tistax ma tinnutax li fil-jiem qabel ma gie nieqes Michael Chetcuti ngibdu fuq medda ta' 6 ijiem l-ammont ta' tlett elef ewro (€3000). L-ahhar zewg transazzjoni ta' hames mitt Euro saru dakinhar tal-mewt tad-decujus u l-ghada tal- mewt ta' Michael Camilleri cioe' nhar is-7 ta' Lulju, 2008. Il-Qorti tqis allura li dawn l-ammont ta' elf Euro (€1,000) ghandu jizdied ma l-eredita' tal-mejjet stante li evidentement ingibdu mill-intimata b'ghan li jitnehhew mill-eredita' u jintuzaw minnha u zgur mhux ghal bzonnijiet tal-mejjet (ara fol. 94). Ghalhekk fil-komputazzjoni l-ammont li ser jigi mehud huwa dak ta' komplessiv tal-bilanc rimanenti fil-kont flimkien ma' elf Euro kif imsemmi total ta' hamest elef u seba' u tmenin Euro u hamsa u sittin centezmu (€5087.65) (ara xiehda ta' Alison Mifsud Brimmer a fol. 104 et seq tal-process u statements a fol. 92 et seq tal-process).

[...]

L-attrici semmiet ukoll li l-mejjet Michael Chetcuti kellu ammont konsiderevoli ta' ghodda tal-injam u tal-gebel pero' jinghad li prova ta' dawn l-ghodda u tal-valur taghhom ma ngabux fl-atti ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex ma tiehux in konsiderazzjoni tali allegazzjoni."

12. *In tema* legali, l-punt tat-tluq huwa l-prinċipju li minn jallega jrid jipprova.[1] Kif ġie ddikjarat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Joseph Hili,** mogħtija fis-27 ta' Ġunju, 1953

[1] **Artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**

"*ma hux dubitat li r-regola generali hi l-"onus probandi" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah - "ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat". Ta' min jgħid iżda li dan l-artikolu jibda billi jipprovdi li r-regola hija applikabbli "Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi".*

13. Fil-każ fejn ikun hemm provi konfliġġenti mbagħad il-Qorti "*għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilità u tal-preponderanza tal-provi*". (ara **Middle Sea Insurance p.l.c. noe v Victor Sammut** - Appell Inferjuri - 2 ta' Ġunju, 2003; **Joseph Borg v Joseph Bartolo** - Appell Inferjuri - 25 ta' Ġunju,1980; **Mary Rose Camilleri et v Dr Michael Vella Haber et** - Appell Superjuri - 10 ta' Ottubru, 2023 u **Av Dr Richard Bernard noe vs Luma Holding Ltd** - Appell Superjuri - 31 ta' Mejju, 2023).

14. Dan l-appell huwa unikament imsejjes fuq l-aggravju illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi rigwardanti l-konsistenza tal-assi ereditarji tad-defunt, missier l-attriċi. Dan jirrigwarda tlitt aspetti tal-wirt (i) deheb tad-defunt; (ii) kontijiet bankarji tad-defunt; u (iii) għodda tad-defunt. Dwar id-deheb u l-għodda, l-appellanti stess tammetti illi ma kellhiex provi dwar l-allegazzjonijiet tagħha. Hija stess resqet bħala xhud lill-ommha, il-konvenuta appellata Doris Chetcuti, illi mhux talli ma

kkorroboratx l-allegazzjonijiet tal-attriċi, talli x-xhieda tagħha tmur dijametrikament kontra tali pretensjonijiet.

15. Appena huwa neċessarju jiġi ribadit illi huwa l-oneru ta' min jallega li jipprova dak minnu jew minnha allegat. Ir-riżultanzi proċesswali huma l-pedament li fuqu l-ġudikant jifforma l-ġudizzju. Konvinta kemm kienet konvinta l-attriċi minn dak minnha allegat, in-nuqqas assolut ta' prova in sostenn fir-rigward seta' biss iwassal għal eżitu wieħed. U cjoè illi l-allegazzjoni ma ġietx ippruvata, proprju dak li kkonkludiet l-Ewwel Qorti fir-rigward tad-deheb u tal-għodda.

16. Dwar id-depożiti bankarji, huwa minnu illi fuq medda ta' l-aħħar sitt ijiem qabel miet missier l-attriċi, ġew żbankati diversi ammonti, b'kollox €3,000. Huwa minnu wkoll li l-Ewwel Qorti kkunsidrat illi minn dan l-ammont l-aħħar żewġ pagamenti, wieħed magħmul fil-jum tad-deċess; u l-ieħor l-għada, kellhom jitqiesu bħala parti mill-assi ereditarji. Il-kumplament, €2,000, il-Qorti qieset illi ma kellhomx jittieħdu in konsiderazzjoni.

17. Tajjeb jiġi osservat illi missier l-attriċi miet fis-sena 2008, tmien snin qabel intavolat il-kawża odjerna l-attriċi. Ommha kienet mara tad-dar li finanzjarjament kienet tiddependi esklussivament fuq żewġha. Din il-Qorti ma ssib xejn irraġonevoli fir-raġunament tal-Ewwel Qorti fejn qieset is-

somma ta' €2,000 żbankata mill-konvenuta Doris Chetcuti bħala fondi żbankati għall-bżonnijiet tagħha u tal-familja tagħha; kif kellha kull jedd tagħmel tenut kont li dawk kienu flejjes appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejnha u żewġha. Ma jirriżultawx l-estremi stabbiliti mill-ġurisprudenza sabiex din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti fir-rigward.

18. **Tiċħad għalhekk l-appell tal-attriċi.**

**L-Appell Inċidentali.**

19. Permezz tal-<u>appell inċidentali</u> tagħhom, il-konvenuti Doris Chetcuti, Rodianne Frendo u Suzanne Camilleri, (minn issa wkoll l-appellanti inċidentali) qed jitolbu lil din il-Qorti "tvarja s-sentenza appellata billi tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-esponenti hekk kif oriġinarjament mogħtija quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, u għalhekk tiċħad/tiskarta kompletament it-talba attriċi promotura, bl-ispejjeż kontra l-attriċi appellanta – U dan filwaqt illi tiddikjara wkoll illi l-ispejjeż tat-Tieni Istanza jiġu wkoll sopportati mill-istess attriċi appellanta."

20. L-appell inċidentali huwa msejjes fuq żewġ aggravji u ċjoè li (a) l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tagħhom, u (b) l-ispejjeż tal-kawża ġew allokati b'mod skorrett.

21. L-ewwel eċċezzjoni preliminari tat-tliet konvenuti msemmija kienet taqra hekk:

> "1. Illi preliminarjament ir-rikorrenti kellha taghmel talba sabiex qabel xejn dina l-Onorabbli Qorti tiffissa u tistabbilixxi l-konsistenza ta' l-assi ereditarji ta' l-imsemmi Michael Chetcuti u dan billi tiddikjara li l-istess jikkonsistu f'dawk il-beni u sustanzi li jirrizultaw fil-kors tal-kawza kif ukoll li tiddikjara li l-istess beni huma pposjeduti mill-kontendenti f'dawk il-kwoti li ghad iridu jirrizultaw lil din l-Onorabbli Qorti u sabiex konsegwentement tordna d-divizjoni ta' l-assi ereditarji msemmija skond il-kwoti hekk stabbiliti u dan ad opera ta' perit jew periti li jigu mahtura, jekk ikun il-kaz, ghal dan il-fini minn din l-Onorabbli Qorti;"

22. L-Ewwel Qorti ċaħdet dik l-eċċezzjoni wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi jekk tinghata harsa lejn it-talba tal-attrici Michelle Christine Grixti jirrizulta li din hija wahda xejn ritwali fejn semplicement titlob lill-Qorti sabiex joghgobha:
>
> [...]
>
> Il-Qorti setghet tinnota li fil-mori tal-kawza kemm il-darba ngibdet l-attenzjoni tal-avukat difensur tal-attrici sabiex isiru lkorrezzjonijiet necessarji, madanakollu milli jidher dan waqa' fuq widnejn torox. Minhabba dan in-nuqqas il-Qorti hija rinfaccata b'eccezzjoni li l-kawza hija monka, sitwazzjoni li fl-opinjoni talQorti bi ftit aktar attenzjoni setghet facilment tigi evitata!
>
> Illi s-sub-artikolu 1 u 2 tal-Artikolu 156 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) jistipulaw x'ghandu jkun fih ir-rikors guramentat. [...]
>
> Illi l-Artikolu 789 sub-artikolu 1 paragrafi (c) u (d) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) jiddisponu li eccezzjoni ta' nullita ta' att gudizzjarju tista' tinghata meta: [...]
>
> [...]
>
> Illi minn ezami tar-rikors guramentat jirrizulta li l-pern tal-azzjoni attrici huwa d-divizjoni tal-assi tal-mejjet Michael Chetcuti. It-talba li ressqet l-attrici ghalkemm hija kemmxejn semplicistika u ma tinkludix inter alia talba sabiex il-Qorti tiffissa u tistabbilixxi l-konsistenza ta' l-assi

ereditarji tal-mejjet Michael Chetcuti, u talba sabiex il-Qorti tistabbilixxi l-kwoti rispettiva tal-partijiet, xorta jirrizulta li l-konvenuti fehemu ezattament x'kien qed jintalab permezz tar-rikors guramentat. Fil-fatt ressqu l-quddiem eccezzjonijiet u provi li bihom laqghu ghat-talba. Mill-banda l-ohra, sabiex il-Qorti tasal sabiex tordna u tikkundanna lill-intimati jghaddu is-sehem tal-wirt skond il-ligi lir-rikorrenti, trid bilfors tistabbilixxi l-konsistenza tal-assi ereditarji ta' Michael Chetcuti, kif ukoll trid bilfors tistabbilixxi l-kwota li jmiss lil kull wiehed u wahda mill-eredi, b'dan li l-Qorti tista facilment taghmel dan fil-kunsiderazzjonijiet taghha u sussegwentament tghaddi sabiex tilqa' jew tichad it-talba skont il-kaz minghajr ma tohloq l-ebda pregudizzju lil xi parti jew ohra.

Ghalhekk filwaqt li l-Qorti tirribadixxi li din l-eccezzjoni facilment setghet tigi evitata mill-attrici li kieku r-rikors guramentat gie ntavolat b'talbiet aktar cari u diretti dwar dak li kien qed jintalab minn din il-Qorti u wkoll billi l-Avukat tar-rikorrenti meta nterpellata ghal aktar minn darba sabiex tikkoreggi dan in-nuqqas taghmel dak mitlub lilha, din il-Qorti izda ma tarax li jekk titkompla l-kawza bit-talba kif esposta l-konvenuti b'xi mod ser jigu pregudikati fid-difiza taghhom. Pjuttost bid-decizjoni ser jigu evitati duplikazzjoni ta' kawzi u jigu evitati spejjez. Ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni preliminari."

23. L-appellanti inċidentali jilmentaw illi l-Ewwel Qorti, filwaqt li saħqet diversi drabi mal-attriċi sabiex tirratifika l-pożizzjoni tagħha; "għaddiet sabiex ma tagħti l-ebda piż dan in-nuqqas da parti tal-istess attriċi appellanta". Jinsistu illi l-attriċi kellha tagħmel talba sabiex qabel xejn l-Ewwel Qorti "tiffissa u tistabbilixxi l-konsistenza ta' l-assi ereditarji ta' l-imsemmi Michael Chetcuti" kif ukoll kellha titlob id-diviżjoni tal-assi ereditarji skont il-kwoti hekk stabbiliti jekk ikun il-każ bl-assistenza ta' Periti ġudizzjarji. Jilmentaw illi l-attriċi llimitat ruħha li titlob lill-Ewwel Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuti jgħaddulha is-sehem tagħha mill-wirt ta' missierha. Jgħidu illi għalkemm huma "setgħu indunaw x'kien l-intendiment tal-kawża istitwita ... dan assolutament ma jneħħi l-ebda obbligu legali da parti tal-istess attriċi illi tkun in regola ma' kif jiġu formolati u istitwiti l-kawżi". Jinsistu illi in-nuqqas da parti tal-attriċi li titlob

dikjarazzjoni dwar x'kien jikkonsistu l-beni u l-patrimonju tad-defunt Michael Chetcuti kif ukoll in-nuqqas tagħha li titlob dikjarazzjoni li dawk l-assi kienu fil-pussess tal-konvenuti, jirrendu l-att promotur monk. Ma jaqblux mal-Ewwel Qorti illi kkumparat l-eċċezzjoni tagħhom bħala formaliżmu esaġerat.

**Ikkunsidrat;**

24. *In tema* legali ssir referenza għas-sentenza **Armando Tramontano v. Dragonara Casino Limited** mogħtija minn din il-Qorti fl-14 ta' Novembru, 2002:

> "Illi ngħad mill-qrati tagħna li d-dikjarazzjonijiet li minn żmien għal żmien ikunu meħtieġa biex l-attur jasal għal xi waħda mit-talbiet tiegħu, m'hemmx bżonn li jsiru fiċ-ċitazzjoni fil-forma ta' talba [Ara App. 6.3.1996 fil-kawża fl-ismijiet **Ivor Zammit et vs Michael Zammit Tabona noe** (Kollez. Vol: LXXX.i.454) u s-sentenzi hemm imsemmija];
>
> Illi l-Qorti tifhem li jekk it-talba attriċi għandha tiġi mgħarbla kif imiss, din trid issir strettament fid-dawl ta' dak li jingħad fil-premsssi. Kieku ma jkunx hekk, taqa' kull bażi li fuqha t-talba tista' tintlaqa'. Bilkemm għandu għalfejn jingħad ukoll li f'att ta' Ċitazzjoni, mhux kull premessa li hija ppruvata, jew mhux kontestata, jeħtieġ li jkun hemm provvediment speċifiku dwarha fis-sentenza;"

25. Fuq l-istess binarju hija s-sentenza **Michael Cachia v. S.A.C. Denis Jacques** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Marzu, 1957 illi:

> "F'kaz li d-domanda fic-citazzjoni trid tkun preceduta minn domanda ghal dikjarazzjoni li fuqha hijabazata t-talba principali, mhux bizzejjed li fic-citazzjoni jinghad li ghandha tinghata kwalunkwe dikjarazzjoni

> necessarja; imma jehtieg li dik id-dikjarazzjoni tintalab espressament. In-nuqqas ta' din it-talba ghad-dikjarazzjoni, pero', ma jgibx necessarjament ghall-liberazzjoni tal-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju. Ir-regola hi illi d-domandi principali ghandhom ikunu preceduti minn domanda ghal dikjarazzjoni, jew mad-domandi principali ghandhom jizdiedu domandi ghal dikjarazzjonijiet,meta il-fatt li dwaru tintalab id-dikjarazzjoni jkun gie negat jew kontrastat mill-konvenut, u ghalhekk id-domanda ghad-dikjarazzjoni tkun giet provokata minnu; jew meta d-dikjarazzjoni tkun indispensabbilment necessarja ghall-propozizzjoni tad-domanda principali. F'kull kaz iehor, hija bizzejjed il-prova tal-fatt, minghajr ma jehtieg li l-gudikant jigi msejjah biex jaghti dikjarazzjoni li l-fattgie pruvat."

26. Din il-Qorti taqbel pienament mal-Ewwel Qorti illi fit-talba attriċi sabiex il-konvenuti jiġu kkundannati jgħaddu lill-attriċi s-sehem tagħha mill-wirt ta' missierha hija mpliċita t-talba sabiex issir likwidazzjoni u diviżjoni tal-istess assi. Huwa minnu li l-Ewwel Qorti stess stiednet kemm-il darba lill-attriċi sabiex tirregolarizza ruħha dwar il-fatt li t-talba attriċi kienet xotta; imma fl-istess ħin sabet ukoll illi bit-talba kif postulata l-konvenuti ma ġewx preġudikati għaliex ressqu sensielha ta' eċċezzjonijiet anke dwar il-mertu tal-kawża. Qari tat-tieni u tat-tielet eċċezzjoni huwa konferma li l-konvenuti fehmu li t-talba attriċi kienet sabiex jinqasam il-wirt ta' missier l-attriċi tant li fit-tielet eċċezzjoni jingħad illi l-konvenuti "ma jopponux u qatt ma opponew li ssir id-diviżjoni mitluba mir-rikorrenti salv li jiġu verifikati l-assi in diviżjoni u salv illi jiġu verifikati wkoll il-kwoti spettanti lil kull wieħed u waħda mill-kontendenti .... ."

27. Tqis ukoll illi fit-talba għall-assenjazzjoni ta' sehem minn wirt, hemm it-talba impliċita għal-likwidazzjoni tal-istess wirt. Issib għalhekk, bħall-Ewwel Qorti qabilha, illi n-nuqqas tal-attriċi li titlob ukoll

espliċitament il-likwidazzjoni tal-assi ereditarji ma jirrendiex l-att promotur irritwali. Tiċħad għalhekk l-ewwel aggravju fl-appell inċidentali.

28. Permezz tat-tieni aggravju, l-konvenuti appellanti inċidentali jissottomettu li minħabba n-nuqqasijiet proċedurali da parti tal-attriċi, l-ispejjeż kellhom jiġu akkollati fuqha. Iżidu jgħidu illi jekk dan l-aggravju ma jiġix akkolt "allura kull parti tkopri l-ispejjeż tagħha rispettivament".

29. Dwar il-kap tal-ispejjeż, l-Ewwel Qorti ddeċidiet: "Bl-ispejjeż kollha għandhom jiġu sopportati f'sehem ta' 1/5 kull parti fil-kawża."

30. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan l-aggravju huwa parzjalment fondat. Din ma kinitx kawża fejn intalab li jinqasam wirt partikolari bejn il-partijiet kollha fil-kawża. L-azzjoni attriċi hija limitata sabiex jiġi kanonnizzat is-sehem tal-attriċi mill-wirt ta' missierha. Peress li l-pretensjoni tal-attriċi kienet ferm akbar minn dak li akkordatilha l-Ewwel Qorti, din il-Qorti ma tarax għaliex l-ispejjeż kellhom jinqasmu 1/5 fuq l-attriċi u 4/5 fuq il-konvenuti.

31. Għaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li ser tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata rigward il-kap tal-ispejjeż; tordna minflok li fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, l-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Deċiżjoni**

**Għal** dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qed taqta l-appell prinċipali u l-appell inċidentali billi,

1. Tiċħad l-appell prinċipali tal-attriċi;

2. Tiċħad l-ewwel aggravju fl-appell inċidentali tal-konvenuti Doris Chetcuti, Rodianne Frendo u Suzanne Camillieri;

3. Tilqa' parzjalment it-tieni aggravju fl-imsemmi appell inċidentali.

4. Tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata referibbli għall-kap tal-ispejjeż.

5. Tordna minflok illi l-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb